MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2015

Numru. 1106/2012

**Il-Pulizija**

**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Jimmy Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Jimmy Aquilina detentur tal-karta tal-identita` numru 344671(M).

Akkuzat talli fis-16 ta' Marzu 2012 ghall-habta tas-06:00hrs gewwa Triq Sant'Andrija, k/m Triq id-Dus, Swieqi:

1. Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni JGY-555, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Alfred Frendo skonnt kif iccertifika Dr Arlette Vassallo M.D. mill-M.D.H.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidrilha xieraq.

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz id-dokumenti esebiti u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-Artikoli tal-Avukat Generali li bihom ta l-kunsens sabiex dawn il-proceduri jigu trattati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Fl-Artikoli 17, 31, 226(1)(a), 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi dawn il-proceduri jittrattaw fuq incident awtomobilistiku fejn garrab griehi gravi Alfredo Frendo liema incident sar fis-sittax (16) ta’ Marzu elfejn u tnax (2012) fi Triq Sant’Andrija, Swieqi.

Illi dan il-kaz huwa wiehed pjuttost anomalu ghaliex il-vittma qed tghid illi l-post tal-incident hija triq parallela ma’ Triq Sant’ Andrija u mhux f’din it-triq.

Illi pero` jirrizulta mix-xhieda ta’ **PS 1492 Joseph Pace** kif ukoll minn tax-xhud okulari **Raymond Fenech**, kif ukoll minn fejn instab l-istess vittma, l-incident sar effettivament fi Triq Sant’Andrija.

Illi il-vittma **Alfred Frendo**, fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti datata sebgha u ghoxrin (27) ta’ Mejju elfejn u tlettax (2013), kif ukoll meta gie jixhed it-tieni darba fit-tnejn (2) ta’ Dicembru elfejn u tlettax (2013), dejjem baqa’ jghid illi huwa kien ser jaqsam it-Triq li tigi parallela ma’ Triq Sant’Andrija, u cioe` Triq id-Dus, u meta kien ser inizzel siequ l-leminija giet karrozza u laqtitu u

meta waqa’ mal-art wegga’ siequ x-xellugija. Huwa jghid illi llum il-gurnata huwa m’ghadux ihoss l-ebda wgieh minn tali incident.

Izda pero’ kompla jsostni anke meta kien ippressat fil-kontro ezami, illi t-triq minn fejn kien qed jaqsam ma kienitx it-Triq principali izda t-triq ta’ hdejha. Anke` meta ntwera ir-ritratti esebiti mid-difiza a fol disgha u sittin (69) et seq tal-process, huwa xorta baqa’ jikkonferma dan il-fatt tant illi ghamel il-marka “x” fil-punt fejn intlaqat, li ma kienitx Triq Sant Andrija.

Illi pero’ mix-xhieda tax-xhud okulari **Raymond Fenech** kif ukoll ta’ **PS 1492**, dawn it-tnejn ikkonfermaw illi l-incident fil-fatt sar fi Triq Sant’Andrija. L-istess Fenech, li kien ghaddej min-naha l-opposta qal illi sema’ l-incident u meta waqqaf il-karrozza u hares lura, ra lill-vittma fin-nofs tat-triq mal-art fit-triq principali. PS 1492 sab lill-vittma ukoll f’din it-triq meta mar fuq il-post u certament ma jistax jinghad illi dan kien b’xi mod imcaqlaq.

Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet u in vista tad-divergenza qawwija fil-verzjoni tal-vittma li meta mqabbla ma x’kien qal fil-mumenti wara l-incident illi ma kien jiftakar xejn, il-kaz tal-prosekuzzjoni ma tantx huwa wiehed sod. Tenut ukoll tal-fatt illi mix-xhieda kollha prodotti, ma ngabet l-ebda prova li l-imputat b’xi mod kien qed isuq b’nuqqas ta’ hsieb jew traskuragni.

Illi ghal dawn il-motivi il-Qorti ma tistax issib htija kontra l-imputat u ghalhekk qed tillibera lill-imputat **Jimmy Aquilina** mill-akkuzi kif dedotti kontrih stante li ma gewx ippruvati.

---

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Magistrat**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------